MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Numru 132/2006

**Il-Pulizija
(Sp. Joseph Agius)**

**v**

**Andrew Scicluna iben Nicola u Carmela nee Cauchi imwieled is-Siggiewi fl-10/1050 detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 891150 (M) u joqghod 22, Triq it-Tempju, Zejtun**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Andrew Scicluna li gie akkuzat talli f'numru 22, Triq it-Tempju, Zejtun fil-5 ta' Ottubru, 2005 u fiz-zmien ta' qabel, bhala l-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita' mehuda jew

ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi u b'hekk ikkommetta serq ta' dawl f'ammont ta' Lm 185.60 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-provedimenti tal-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas tal-ispejjez peritali.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat il-kunsens tal-imputat ghall-istess proceduri.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi jirrizulta illi d-dannu li kellu fuqu l-meter tad-dawl irregistrat fuq l-akkuzat kienu sigilli maqtugha u ohra in parti maqlugh. Irrizulta wkoll illi fuq is-
shanting kellu wkoll il-viti mikula. Dan il-ahhar fatt per se skond ix-xheida ta' Anton Gauci, inginier mal-Enemalta, jindika li l-viti nfethu u nghalqu kemm il-darba. Spjega dan ix-xhud dwar is-sigilli hekk:

"Jissigilla l-links, it-terminal cover fejn ikun hemm il-wires taghna u fejn imorru l-wires ghand il-konsumatur. Jigifieri jekk tiftah dan is-sigill u taqla' tahtu hemm leak, jghidulu s-shant link li tinghaqad il-voltage mal-kurrent. Jekk tiftah dik il-meter jieqaf imma d-dawl jibqa' ghaddej". (fol 46).

Gie anke kkonstatat minn dan ix-xhud fuq domanda tad-Difiza illi waqt l-ispezzjoni l-meter kien qed jirregistra l-konsum.

Jirrizulta wkoll illi l-meter in kwistjoni ma sofra ebda brix fuq id-disk kif solitament jinsab meta jissusisti serq ta' konsum ta' elettriku. Dan il-punt gie enfasizzat mid-Difiza.

Irrizulta wkoll illi dan il-meter in kwistjoni kien meter li precedentement kien installat go fond okkupat minn terz. Ghalhekk Mario Cassar, Senior Tradesman ma‘ l-Enemalta, xehed illi dan il-meter kif misjub ghand l-akkuzat kellu s-sigill blu mal-base cover tal-meter likien imbaghbas, kellu ghafiesi fuqu, jidher li jista‘ jkun infetah u reggha infetah u reggha inghalaq jigifieri. Xehed ukoll dan illi meta nfetah il-base cover innutaw lis-shant kellu zewg viti u l-gangetta kien hemm brix maghhom aktar b’tornavit (fol 25).

Dwar il-fatt li dan il-meter kien precedentement imwahhal go fond iehor ta‘ terz estraneju ghal din il-kawza l-istess Mario Cassar xehed illi f’dan il-kaz il-procedura kienet, ( u dan gara f’kazi ohra) li jinqalgha arlogg minn fond, jigi refurbished u jerga‘ jitwahhal f’fond iehor. Qal dan ix-xhud illi arlogg miksur qatt ma jerga‘ jigi mqieghed go fond iehor.

Punt iehor issollevat mid-Difiza kien dak li xehed Ian Vella Officer in charge Revenue Protection Enemalta. L-istess xhud esebixxa Dok IV, Dok IV1 u Dok IV2 li juru l-average consumption skond il-Korporazzjoni li kien jahli l-akkuzat u allura l-allegat “unregistered consumption“ ta‘ l-elettriku.

Minn dana u mix-xhieda ta‘ Alan Chetcuti impjegat fir-Revenue Protection Section ta‘ l-Enemalta, jirrizulta li mill-ghada stess tas-surprise inspection fejn allura gie mibdul il-meter ta’ l-akkuzat, il-konsum ta‘ l-elettriku waqgha b’mod drastiku. Jghid dan ix-xhud illi fil-fatt fis-sitta u sebghin gurnata qabel l-inspection il-konsum on average kien dak ta‘ 17.7 units average kuljum, fil-perjodu immedjatament ghal inspection il-konsum waqa‘ ghal 7.1 units kuljum.

Ghandu jinghad ukoll illi l-Enemalta ma vverifikatx jekk il-konsumatur l-akkuzat baqghax bl-istess appliances fid-dar.

Oltre hekk Chetcuti xehed illi bla pregudizzju l-akkuzat hallas id-deposit ta‘ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm 250) lill-Korporazzjoni.

Illi l-akkuzat ghazel li jixhed. Barra minn hekk huwa anke fl-istadju ta‘ stqarrija jghid li s-sigill veru inkiser pero‘ dan ma kienx maqtugh, inqathga meta waqt l-inspection ippruvaw jerfghuh bil-biro. Dwar il-vit mikul, ma kienx jaf jirrispondi galadarba hadd ma urihulu. Innega li hu qatt baghbas il-meter.

Viva voce xehed li kif gia gie premess kemm ilha li saritlu s-surprise inspection u konsegwenti ta‘ hekk inbidel il-meter allegatament imbaghbas, il-kont tad-dawl naqqas ghal terz dak li kien. Dwar l-access ghal garaxx fejn jinsab il-meter, jghid li jekk jidhlu terzi jaghmlu dan meta xi hadd mill-familja tiehgu tkun prezenti. Dwar l-istat li nstab fih il-meter kif gia aktar il-fuq spjegat jghid illi ma jistax jispjega ghaliex ma kien jaf xejn fuq il-meter.

Ikkonsidrat

Illi bla dubju ta‘ xejn certu ammont ta‘ irregolaritajiet gew misjuba fuq il-meter u fis-sigilli tieghu. Skond l-Enemalta dan it-tbaghbis fejn jirrigwarda s-shant seta‘ jwassal ghat-tbaghbis fil-konsum. Pero‘ anke jekk il-meter jirrizulta mbaghbas, is-serq fil-konsum kif allura ikkalkolalu l-Enemalta huwa ta‘ millezimi kuljum. Stramb aktar il-fatt illi mibdul il-meter imbaghbas, il-konsum tal-elettriku naqas b’cirka 10 units kuljum tant li kont li qed jircevi issa wara l-bdil tal-meter huwa terz ta‘ dak allegatament imbaghbas.

Ikkonsidrat

L-artikolu 264(2) tal-Kapitlu 9 jitfa‘ prezunzjoni iuris tantum fuq il-konsumatur tax-xjenza tat-tbaghbis u ksur fil-meter u konsegwenza ta‘ hekk ta‘ konsum illegali ta‘ elettriku.

Andrew Scicluna ghazel li jxejjen din il-prezunzjoni b’semplici negazzjoni ta‘ kwalunkwe fatt illecitu da parti tieghu, billi allega, kif fil-fatt hekk irrizulta li l-meter ma kienx gdid imma kien inqalgha mir-residenza ohra u billi sostna kif irrizulta lil kontijiet tieghu rahsu drastikament wara l-bdil tal-meter.

Hija l-fehma ta‘ din il-Qorti li l-Prosekuzzjoni li xorta ghandha u jibqalgha onu ta‘ prova iebes, irnexxielha biss tipprova tbaghbis fil-meter (brix) u fis-sigilli tieghu (maqlugh/maqtugh). Pero‘ ma thossx li gie pruvat is-serq ta‘ konsum u dan qed jinghad minhabba l-anomalija gia msemmija fil-kontijiet tad-dawl.

Ghaldaqstant qed tilliberah mill-ewwel akkuza ta‘ serq pero‘ ssibu hati ta‘ hsara fil-meter tad-dawl in kwantu brix u ksur ta‘ sigilli. Ghaldaqstant rat l-artikolu 264 u 325 tal-Kapitlu 9 qieset ukoll li ebda valur tal-hsara soffert fuq il-meter ma giet imressqa, ghalhekk il-Qorti mhix f'pozizzjoni tikkonsidra valur ghal piena. Rat ukoll il-fedina penali ta' l-akkuzat u konsegwentement qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum u dan wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------